## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **575/2021 AD**

## PULLICIN CONBRICKS LIMITED (C 91893)

**VS**

## VICTOR GAUCI (KI 461568M)

**Seduta tal-Ġimgħa, tnejn (2) ta' Frar 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar somma rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' konkrit, briks u materjal kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi allegatament dovut mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ħmistax-il elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€ 15,479.21);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-ħmistax (15) ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' **<u>Pullicin Conbricks Limited</u>** ippremettiet:

   a. *Illi l-konvenut jinsab debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' ħmistax-il elf, u erba' mija, u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€15,479.21) rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' concrete, bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux, liema dejn hu ċert, likwidu u dovut. Kopja ta' statement hawn mehmuż u markat Dok A;*

   b. *Illi nonostante illi ġie interpellat sabiex iħallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

   c. *Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attriċi;*

   d. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

   e. *Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti;*

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

   ii. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf u erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€15,479.21) rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' concrete, bricks u matejal kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux;*

*Bl-imgħax skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenut;*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2021, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, ħmistax (15) ta' Lulju 2021, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta' rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;

5. Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-konvenut u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol 15 *et seq* tal-proċess, u sussegwentement, b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2021, awtorizzat lill-konvenut jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata erbatax (14) ta' Diċembru 2021, il-konvenut **Victor Gauci** eċċepixxa:

    a. *Illi r-rikors ġuramentat huwa null minħabba li jidher li ġie ġuramentat biss minn persuna li m'għandhiex ir-rappresentanza tas-soċjeta' attriċi;*

    b. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhux qed jaqbel ma' l-ammont pretiż u għandha ssir prova mis-soċjeta' attriċi tal-konsenji u servizzi li jirreferu għalihom. L-esponent qed jikkontesta wkoll li qatt kien hemm kiri ta' makkinarju;*

    c. *Illi mingħajr preġudizzju wkoll kwalunkwe ammont li jirriżulta li kien dovut lis-soċjeta' attriċi mhux dovut kollu llum, u dan peress illi l-esponent għamel pagamenti sostanzjali qabel ma nbdew il-proċeduri;*

    d. *Illi mingħajr preġudizzju wkoll il-konkos konsenjat ma kienx tal-grad mitlub u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

e. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti u d-dokumenti annessi miegħu, cioe l-i*statement* immarkat **Dok A** a fol 3 tal-proċess, u l-affidavit ta' **David Haber** immarkat **Dok B** a fol 4 tal-proċess;

8. Rat illi l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2021, wara illi l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-konvenut, u rat id-dokumenti minnu esebiti, cioe *print-out* mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry (immarkat **Dok VG** a fol 15 *et seq* tal-proċess) u kopja ta' ċekk (immarkat **Dok VG1** a fol 18 tal-proċess);

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut datata erbatax (14) ta' Diċembru 2021;

10. Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' rikorrenti, cioe (a) affidavit ta' **David Haber** (immarkat **Dok DH** a fol 40 tal-proċess) u l-*invoices* annessi miegħu (**Dok I** a fol 41 *et seq* tal-proċess); (b) affidavit ta' **Dylan Pullicino** (immarkat **Dok DP** a fol 30 tal-proċess); (c) affidavit ta' **Chris Pullicino** (immarkat **Dok CP** a fol 31 tal-proċess); (d) kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' rikorrenti (immarkata **Dok MA** a fol 33 *et seq* tal-proċess); u (e) prokura (immarkata **Dok P** a fol 32 tal-proċess);

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Victor Gauci** prodott mis-soċjeta' attriċi waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2022[1];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 62 *et seq* tal-proċess

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Victor Gauci** waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'April 2023[2], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok VG2** sa **VG6**[3];

13. Semgħet it-trattazzjoni finali tas-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'April 2023;

14. Rat illi, minkejja illi ġie mogħti terminu ta' xahrejn sabiex fih jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut naqas milli jagħmel dan fit-terminu lilu konċess;

15. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

16. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>In-Nullita' tar-Rikors Ġuramentat</u>*

17. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, u cioe illi r-rikors ġuramentat huwa null minħabba li ġie ġuramentat biss minn persuna li m'għandhiex ir-rappresentanza tas-soċjeta' attriċi;

18. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 181A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew*

---

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 73 *et seq* tal-proċess

[3] A fol 82 *et seq* tal-proċess

> *minn kull segretarju tal-kumpannija* ***jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.*** (Emfasi ta' din il-Qorti)

19. Jidher illi huwa fatt mhux kontestat, u li jirriżulta kemm mill-*print-out* mis-sit tar-Reġistru tal-Kumpaniji esebit mill-konvenut (**Dok VG** a fol 15 *et seq* tal-proċess), kif ukoll mill-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' rikorrenti esebiti mill-istess soċjeta' (**Dok MA** a fol 33 *et seq* tal-proċess) illi d-Diretturi tas-soċjeta' rikorrenti huma erbgħa, cioe Carmel Pullicino, Christopher Pullicino, Dylan Pullicino u Glen Pullicino. Madanakollu, il-Memorandum and Articles jispeċifikaw fil-Klawsola Nru 9[4] illi, *"The legal and judicial representation of the company shall be vested in any two members of the Board of Directors. Without prejudice and in addition to the above, the Board of Directors may from time to time delegate such representation to a particular person or persons."*

20. Is-soċjeta' rikorrenti, fil-mori tal-proċeduri odjerni, esebit prokura (**Dok P** a fol 32 tal-proċess), illi permezz tagħha l-erba' Diretturi suriferiti awtorizzaw lil David Haber:

> 1. *To represent it in all judicial proceedings before the Courts of Malta and to file in its name and on its behalf any judicial act or application connected therewith including the filing of appeals and applications for the issuance of precautionary and executive warrants;*
>
> 2. *To transact and compromise any judicial proceedings and to enter any agreement upon such*

[4] A fol 37 tal-proċess

*terms and conditions as the said representative deems best with all the powers necessary for that purpose;*

3. *To represent it in the most general manner both judicially and legally in all matters connected with the dispute which has arisen with the Victor Gauci (holder of Identity Card Number 461568M).*

***This power of attorney is limited to the performance of all required acts, procedures, warrants, agreements and representations in connection with Victor Gauci (Holder of Identity Card Number 461568M).***

21. Din il-Qorti għalhekk tqis illi David Haber seta' jippreżenta r-rikors ġuramentat fit-termini tal-Artikolu 181A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fit-termini ta' dak stabbilit fil-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' rikorrenti;

22. Il-Qorti sejra għalhekk tqis l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut bħala sorvolata, u sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża odjerna</u>*

23. Is-soċjeta' rikorrenti qed tressaq pretensjoni ta' ħmistax-il elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€15,479.29). In sostenn għall-pretensjoni tagħha, hija tesebixxi statement datat tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2021 (**Dok A** a fol 3 tal-proċess), u l-fatturi kollha relattivi imsemmija fl-istatement (**Dok I** a fol 41 *et seq* tal-proċess), liema fatturi huma kollha maħruġa f'isem il-konvenut. L-ammont pretiż ġie

konfermat bil-ġurament minn **Christopher Pullicino**[5], **Dylan Pullicino**[6] u **David Haber**[7]**;**

24. Jiġi senjalat illi **l-konvenut mhux qiegħed jikkontesta illi huwa dovut minnu xi ħlas lis-soċjeta' rikorrenti.** Dak, iżda, illi huwa qiegħed jikkontesta, huwa l-ammont pretiż. Infatti, huwa jgħid illi (a) huwa għamel pagamenti sostanzjali qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni, u illi (b) il-konkos konsenjat ma kienx tal-grad mitlub;

25. Sabiex jissostanzja l-ewwel punt tiegħu, u cioe illi għamel pagamenti akkont, il-konvenut jesebixxi tliet (3) ċekkijiet: (a) ċekk datat tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2021 maħruġ f'isem is-soċjeta' rikorrenti minn Laura Marie Gauci, illi fuq in-naħa ta' wara tiegħu ġie mniżżel isem u n-numru tal-mowbajl tal-konvenut (**Dok VG1** a fol 18 tal-proċess), fl-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500); (b) ċekk datat sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2020 maħruġ f'isem is-soċjeta' rikorrenti minn Laura Marie Gauci, fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) (**Dok VG2** a fol 82 tal-proċess); u (ċ) ċekk datat għaxra (10) t'Awwissu 2020 maħruġ f'isem *"Pulicin Skips"* minn Laura Marie Gauci, illi fuq in-naħa ta' wara tiegħu ġie mniżżel in-numru tal-mowbajl tal-konvenut, fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) (**Dok VG3** a fol 83 tal-proċess). Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, il-konvenut jgħid illi kien hemm pagament ieħor ta' ħamest elef Ewro (€5,000) illi sar permezz ta' ċekk mgħoddi lilu minn terza persuna, u li dan iċ-ċekk ma ġiex esebit in atti għaliex ma setax jiġi rintraċċjat. Il-konvenut ma jesebixxi in atti l-ebda riċevuta għal ħlasijiet li saru akkont;

26. Din il-Qorti tibda billi tirrileva illi mingħajr prova illi saħansitra jeżisti l-aħħar ċekk, hija qajla tista' tikkonkludi illi tali pagament effettivament sar. In oltre, f'dak illi huwa t-tieni ċekk, u cioe dak datat sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2020, il-Qorti rat illi l-kopja esebita in atti mhix bħal dik esebita fil-każ ta' **Dok VG1** u **Dok VG3**, f'liema każijiet huwa evidenti illi ċ-ċekk issarraf. Din

[5] Vide affidavit immarkat **Dok CP** a fol 31 tal-proċess
[6] Vide affidavit immarkat **Dok DP** a fol 30 tal-proċess
[7] Vide affidavit immarkat **Dok DH** a fol 40 tal-proċess

il-Qorti m'għandha għalhekk l-ebda garanzija illi tali ċekk kien wieħed validu illi ssarraf. Imbagħad, f'dak illi huwa t-tielet ċekk, u cioe dak maħruġ f'isem *"Pulicin Skips"*, din il-Qorti rat illi l-konvenut jidher illi kellu kwestjoni oħra mad-Diretturi tas-soċjeta' rikorrenti dwar xi skips[8], b'dana illi din il-Qorti għandha dubju serju dwar jekk l-ammont fiċ-ċekk kienx dovut għall-materjal u servizzi mertu tal-kawża odjerna, jew għal servizzi ta' skips kif kien il-mertu tal-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Din il-Qorti ma tistax b'kuxjenza trankwilla tikkonsidra dan iċ-ċekk bħala wieħed illi kellu jkun pagament dovut għal materjal u servizzi mertu ta' din il-kawża, b'mod partikolari tenut kont illi ċ-ċekk lanqas huwa indirizzat lis-soċjeta' rikorrenti, iżda lil soċjeta' oħra;

27. Din il-Qorti, iżda, tasal temmen illi l-ewwel ċekk, u cioe dak datat tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2021, fil-fatt kien pagament akkont, illi ma ġiex imniżżel fl-istatement anness mar-rikors ġuramentat, liema statement iwassal sat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2021, u cioe lejlet id-data fuq l-istess ċekk. Huwa evidenti illi dan iċ-ċekk issarraf, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita jekk effettivament dan il-pagament sarx;

28. Għaldaqstant, filwaqt illi din il-Qorti tqis illi ma tressqitx prova sal-grad rikjest mil-liġi illi l-konvenut fil-fatt għamel *"pagamenti sostanzjali"* kif isostni fir-risposta ġuramentata, hija temmen illi sar pagament wieħed fl-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500). Din il-Qorti qed tiddikjara għalhekk illi <u>l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti għandha tiġi ridotta bl-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), rappreżentanti l-ammont fiċ-ċekk esebit bħala **Dok VG1** a fol 18 tal-proċess</u>;

29. Fit-tieni lok, imbagħad, f'dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-konkos konsenjat ma kienx tal-grad mitlub, din il-Qorti l-ewwel nett semgħet lill-konvenut jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi huwa ma intavola l-ebda kawża f'dan ir-rigward[9]. Li kieku kien minnu illi l-konkos konsenjat ma kienx tal-grad mitlub, din il-Qorti temmen illi l-konvenut kien mill-inqas

[8] Vide sentenza esebita bħala **Dok VG6** a fol 89 *et seq* tal-proċess
[9] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu a fol 78 tal-proċess

jintavola proċeduri ta’ rikonvenzjoni, jekk mhux kawża separata, gialadarba ġie rinfaċċjat bi pretensjoni għal ħlas. It-tieni nett, filwaqt illi l-konvenut jesebixxi numru ta’ ċertifikati illi huwa jsostni illi jikkonfermaw illi l-konkos ma kienx tal-grad mitlub, din il-Qorti rat illi ċ-ċertifikati mmarkati **Dok VG4**[10] ma jgħajtux lill-konvenut, iżda lil terza persuna bl-isem ta’ Joseph Gauci, filwaqt illi ċ-ċertifikat immarkat **Dok VG5**[11], għalkemm jgħajjat lill-konvenut, la ġie kkonfermat bil-ġurament minn min irrilaxxjah, u lanqas ġie spjegat minn persuna ta’ sengħa illi setgħet tikkonferma dak illi qiegħed isostni l-konvenut. Din il-Qorti ma tistax, b’konvinċiment morali, tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq kopja ta’ ċertifikat illi ma ġiex spjegat. Dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi (a) il-kwalita’ tal-konkos konsenjata mhix punt illi qed jiġi indagat fil-kawża odjerna, u se mai għandu jitqajjem f’kawża apposita jew kellu jitqajjem f’kontro-talba; u (b) mingħajr preġudizzju għall-ewwel punt, ma nġabet l-ebda prova oħra illi setgħet tikkonvinċi lil din il-Qorti illi dak illi kien qiegħed isostni l-konvenut kien veritier;

30. Finalment, din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx ukoll aċċenn għall-atteġġjament illi wera l-konvenut fil-proċeduri odjerni. Fil-fatt, il-konvenut ipparteċipa mill-inqas fil-proċeduri odjerni, tant illi: (a) naqas milli jattendi għal ħames (5) seduti, u din il-Qorti sabitu ħati ta’ disprezz u ordnat illi jinħareġ mandat ta’ akkumpanjament fil-konfront tiegħu stante illi naqas milli jattendi għal seduta illi fiha kien ġie notifikat b’taħrika sabiex jattendi biex jagħti x-xhieda tiegħu bil-ġurament[12] u saħansitra kellha tordna hi stess bħala magħluqa l-provi tiegħu[13]; (b) meta xehed, huwa xehed b’mod illi ma kien xejn konvinċenti; u (c) mogħti l-possibilta’ illi jressaq sottomissjonijiet finali illi fihom seta’ jagħti lil din il-Qorti idea aktar ċara ta’ dawk illi kienu l-eċċezzjonijiet minnu stess sollevati, huwa naqas milli jagħmel dan;

[10] A fol 84 *et seq* tal-proċess
[11] A fol 88 tal-proċess
[12] Vide verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2022, a fol 59 tal-proċess
[13] Vide verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu 2023, a fol 71 tal-proċess

31. **Għaldaqstant, meqjusa l-assjem tal-provi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti huma validi, iżda illi għandha titnaqqas mill-ammont pretiż is-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) kif fuq spjegat;**

32. F'dawk illi huma imgħaxijiet dovuti fuq dan l-ammont, il-Qorti tagħraf illi l-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi imgħaxijiet għal obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra d-data tal-istatement, u cioe t-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2021, bħala d-data illi minnha għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet dovuti fuq l-ammont reklamat.

**Decide**

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni** tal-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti u tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, stante illi dawn ġew sorvolati fil-mori tal-kawża;

(ii) **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni;

(iii) **Tilqa'** *in parte* t-tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **tlettax-il elf, disa' mija u disgħa u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€13,979.21)** rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' konkrit, briks u materjal, kif ukoll kirjiet ta' makkinarju u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux;

Bl-imgħax dovut fuq l-istess ammont mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2021 sad-data tal-effettiv pagament; u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat

ta' sekwestru kawtelatorju illi ġie preżentat kontestwalment mal-kawża odjerna a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**